MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Numru 849/2010

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca
Spettur Michael Mallia)

vs

George Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 486268M, akkuzat talli:

1. fit-2 t’Awissu, 2010, u/jew fil-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, cioè gojjellerija, li ma teccediex il-valur ta’ elfejn tlett mija u disa’ u ghoxrin Ewro u seba’ u tlettin centezmu (E2329.37), liema gojjellerija kienet misruqa, mehuda

b’qerq, jew akkwistata b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha.
2. rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 b’diversi sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli b’ricettazzjoni u li huwa recidiv.

Mill-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw.

Hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni f’dan l-istadju u wkoll li r-rifurtiva giet restitwita. Tiddeciedi, wara li rat l-Artikolu 334, 49 u 50 tal-Kap 9 li ghal din id-darba tillibera lill-imputat billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat is-sentenza lill-imputat fit-termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------